**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Nru: 117/2016 AF**
**Fl-Atti tal-Mandat ta' Zgumbrament**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**P & D Properties Limited (C 41321)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà P & D Properties Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, intalbet din il-Qorti thassar u tirrevoka in toto mandat ta' zgumbrament mahrug fil-konfront tal-istess socjetà wara liberazzjoni tal-istess fond a favur ta' Bank of Valletta p.l.c.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba ta' Bank of Valletta plc li in forza taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra. Bank of Valletta irriteniet li din il-Qorti ghandha tichad it-talba tas-socjetà P & D Properties Limited.

Semghet lid-difensuri.
Rat li r-rikors thalla ghal decizjoni.

Ikkunsidrat illi t-talba odjerna qed issir a tenur tal-Art. 281(1) tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdi illi:

> ***"281.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

Ir-raguni li fuqha s-socjetà rikorrenti qeghda ssejjes it-talba taghha hija l-hsieb li ghandha li tuzufruwixxi mill-jedd li tifdi hwejjigha kif moghti lilha bl-Art. 355 tal-Kap. 12. Il-Qorti tinnota li ghalkemm P & D Properties ghadha ma ghamlet ebda pass ghal dan il-ghan, il-ligi tikkoncedi lilha terminu ta' erba' xhur ghal dan l-iskop. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li ghadha tista' tgawdi minn dan id-dritt lilha moghti. Madanakollu l-Bank li favur tieghu gie liberat il-fond ghandu ukoll terminu identiku biex jitlob l-izgumbrament tal-fond de quo (Art. 357). (Il-mandat kontestat intalab u nhareg qabel ma dahal fis-sehh l-Att IV tal-2016 li jestendi dan it-terminu ghal sena).

Din il-Qorti tqis li jekk kellha tigi accettat t-tezi li talba ghall-fidi tiggustifika t-thassir tal-mandat ta' zgumbrament, din kienet tkun qed ixejjen ghal kollox id-dritt tal-Bank ezekutant.

Madankollu, dan ma jfissirx li r-rikorrenti odjern ma jistax, jekk ikun il-kaz, jittenta jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament pendenti talba ghall-fidi eventwali. F'dan il-kuntest, ghaldaqstant din il-Qorti tigbed l-attenzjoni ghad-distinzjoni bejn sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat u thassir tal-mandat innifsu. Kuntrarjament ghall-argumenti migjuba mill-abbli difensur tas-socjetà rikorrenti, il-Qorti fil-fuq citat Art. 281 ma tipprovdix ghal possibilità ta' sospensjoni ta' mandat, izda biss ghat-thassir in toto jew in parte.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ P & D Properties Limited kontenuta fir-rikors taghha tas-16 ta’ Frar 2016.

L-ispejjez jithallsu minn P & D Properties Limited.

IMHALLEF